

## DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/69

tad-9 ta' Jannar 2023

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2019/436 fir-rigward tal-istandard armonizzat għaċ-ċikletti megħjuna bl-enerġja elettrika**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42/KE, il-makkinarju manifatturat f'konformità ma' standard armonizzat, li r-referenza għalih għiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżi esenzjali tas-sahħha u tas-sikurezza koperti minn tali standard armonizzat.
- (2) Permezz tal-ittra M/396 tad-19 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni talbet ("it-talba M/396") lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) biex jabbozzaw, jirrevedu u jlestu l-ħidma fuq l-istandardi armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE biex ikunu jqisu l-bidliet introdotti b'dik id-Direttiva meta mqabbla mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²).
- (3) Abbażi tat-talba M/396, is-CEN u s-Cenelec abbozzaw l-istandard armonizzat EN 15194:2017 għaċ-ċikletti megħjuna bl-enerġja elettrika. Ir-referenza ta' dak l-istandard għiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 (³).
- (4) Fit-23 ta' Awwissu 2019, in-Netherlands ressqu oġġezzjoni formal f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/42/KE dwar l-istandard armonizzat EN 15194:2017, u sostnew li dan jonqos milli jissodisa r-rekwiżi esenzjali tas-sahħha u s-sikurezza stabbiliti fil-punti 1.5.5, 1.5.6 u 1.5.7 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li l-istandard qed jiddikjara li jkopri. In-Netherlands argumentaw li fil-punti 4.2.3.1 u 4.2.3.2 tiegħu, l-istandard armonizzat EN 15194:2017 jaġhti informazzjoni biss dwar id-disponibbiltà tal-istandardi Ewropej EN 62133 u EN 50604-1 għall-ittejtjar tal-batteriji, u jonqos milli jindirizza b'mod komprensiv l-integrazzjoni sikura tal-batteriji fil-pakketti tal-batteriji u l-inkorporazzjoni tal-pakketti tal-batteriji fl-apparat finali. In-Netherlands sostnew li dan mhuwiex bieżżejjed biex jiġu vvalutati l-livelli ġenerali tas-sikurezza tal-apparat finali, jiġifieri l-biċikletti megħjuna bl-enerġja elettrika, kif juru l-inċidenti rikorrenti b'dawk il-vetturi mgħammra b'ċelloli tal-joni tal-litju u/jew b'pakketi tal-batteriji.
- (5) L-oġġezzjoni formal għiet diskussa fil-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/42/KE, fil-laqgħat tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2019 u tad-19 u l-20 ta' Frar 2020.
- (6) F'dawk il-laqqat, il-Ġermanja qajmet oġġezzjoni addizzjonalni billi esprimiet il-fehma li l-istandard armonizzat EN 15194:2017 jonqos ukoll milli jikkonforma mal-punti 1.5.9 u 3.6.3.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE fir-rigward tal-vibrazzjonijiet trażmessi liċ-ċiklist. Skont l-istandard armonizzat EN 15194:2017, dawk il-punti mhumiex applikabbli għall-biċikletti megħjuna bl-enerġja elettrika. Madankollu, skont il-Ġermanja, tali vibrazzjonijiet jistgħu jseħħu meta dawk il-biċikletti jintużaw fuq art li mhix livell.

(¹) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

(²) Id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1).

(³) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 tat-18 ta' Marzu 2019 dwar l-istandardi armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, 19.3.2019, p. 108).

- (7) L-oġġezzjonijiet formali li qajmu n-Netherlands u l-Ġermanja ġew diskussi fil-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹), nhar it-2 ta' Lulju 2021.
- (8) Wara li eżaminat l-istandard armonizzat EN 15194:2017 flimkien mar-rappreżentanti tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/42/KE u r-rappreżentanti tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fil-punti 1.5.5, 1.5.6, 1.5.7, 1.5.9 u 3.6.3.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.
- (9) Għalhekk, l-istandard armonizzat EN 15194:2017 jenħtieġ li jinżamm f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'restrizzjoni.
- (10) Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 15194:2017 hija inkluża fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/436. L-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni jelenka r-referenzi tal-standards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE li huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'restrizzjoni. Għalhekk, ir-referenza tal-istandard EN 15194:2017 jenħtieġ li titħassar mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/436 u jenħtieġ li tiġi inkluża b'restrizzjoni fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni.
- (11) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/436 jenħtieġ li tiġi emmendata skont dan.
- (12) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-publikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

#### Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/436 huma emmendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

<sup>(⁹)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

## ANNESS

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2019/436 huma emendati kif ġej:

- (1) fl-Anness I, titħassar ir-ringiela 16;
- (2) fl-Anness II, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

Nru	Referenza tal-istandard	Tip
"4.	<p>EN 15194:2017</p> <p>Ċikletti – Ċikletti megħjuna bl-enerġija elettrika – Biċikletti EPAC</p> <p><b>Avviż 1:</b> L-istandard armonizzat EN 15194:2017 ma jikkonferix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħha u s-sikurezza stabbiliti fil-punti 1.5.5, 1.5.6 u 1.5.7 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li jeżiġu li l-makkinarju jiġi ddisinjat u jimbena b'tali mod li jqis ir-riskji assoċjati ma' temperaturi estremi, nirien u splużjonijiet.</p> <p><b>Avviż 2:</b> L-istandard armonizzat EN 15194:2017 ma jikkonferix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħha u s-sikurezza stabbiliti fil-punti 1.5.9 u 3.6.3.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li jirrikjedu li l-makkinarju jkun iddisinjat u mibni biex iqis ir-riskji li jirriżultaw mill-vibrazzjonijiet, u li l-makkinarju jrid jiġi pprovdut bil-kejl tal-vibrazzjonijiet trażmessi mill-makkinarju lill-operatur tal-makkinarju.</p>	C"